**PARROĊĊA MARIJA BAMBINA – XAGĦRA, GĦAWDEX**
**PROGRAMM ĠIMGĦA MQADDSA 2017**

**IL-ĦADD 9 TA' APRIL:** ĦADD IL-PALM — TIBDA L-AKBAR ĠIMGĦA

Jiġi ċċelebrat it-32 Jum Dinji taż-Żgħażagħ. Niċċelebraw id-daħla trijonfali ta' Ġesù f'Ġerusalemm. Illum, il-Parroċċa tagħna qed tħeġġeġ lill-parruċċani sabiex filgħodu jieħdu sehem fil-purċissjoni li matulha jsir it-tberik tal-palm u biex jagħżlu l-Quddiesa tal-9.45am.

Quddies bl-omelija fil-Bażilika :- 6.00am; 7.00am; 8.00am; 9.45am; 11.00 am; 5.00pm u 7.30pm.

8.45am: Talb ta' Tifħir ta' Sbiħ il-Jum mill-W.R. Kapitlu Kolleġġjali.

**9.15am: Il-Kapitlu u l-Kleru tal-Parroċċa joħorġu proċessjonalment mill-knisja Bażilika għal Triq Spiera u Triq Knisja. F'salib it-toroq ta' Triq Knisja, isir it-tberik tal-friegħi tal-palm u ż-żebbuġ u qari mill-Iskrittura. Purċissjoni solenni bis-Salib sal-knisja Bażilika.**

**9.45am: Konċelebrazzjoni Solenni mmexxija minn Mons. Arċipriet Carmelo Refalo bil-qari tar-rakkont tal-Passjoni tal-Mulej. Ikanta l-Kor *Voci Angeliche* flimkien ma' *John Cassar & Band*.**

6.00pm: Purċissjoni-*Pageant* tal-Ġimgħa l-Kbira mtella' mit-tfal tal-Parroċċa, organizzata mill-Grupp tal-Vokazzjonijiet. Din is-sena jaħbat l-40 anniversarju minn meta bdiet issir. Din il-purċissjoni hija unika fl-istil u fl-oriġinalità.

**It-Tlieta 11 ta' April:** ***Matul il-jum ikollna servizz ta' qrar.***

7.00pm: Quddiesa.

7.45pm: **Ostensjoni u Adorazzjoni tal-Kurċifiss**. Mistiedna b'mod speċjali dawk li jieħdu sehem fil-Ġimgħa l-Kbira: reffiegħa, forċini, persunaġġi u *ushers* flimkien mal-Kumitat Festi tal-Għid. Ikun hawn konfessuri barranin disponibbli għall-Qrar. Wara din iċ-ċelebrazzjoni, issir laqgħa importanti ħafna għal dawk kollha li jieħdu sehem fil-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira. Din il-laqgħa tiġi indirizzata minn Mons. Arċipriet Carmelo Refalo u ssir b'kollaborazzjoni mal-Kumitat Festi tal-Għid.

**IL-ĦAMIS 13 ta' April: BIDU TAT-TRIDU TAL-GĦID QADDIS**

**Ħamis ix-Xirka. Jum it-Twaqqif tas-Saċerdozju Ministerjali u l-Ewkaristija Mqaddsa.**

Illum issir biss il-Quddiesa tas-7.00pm.

9.00am: Fil-knisja Katidrali, Pontifikal solenni mmexxi mill-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof t'Għawdex bis-sehem tas-saċerdoti kollha tad-Djoċesi tagħna li fiha jsir it-tberik taż-żjut u t-tiġdid tal-wegħdiet saċerdotali. Mistiedna speċjali l-membri tal-Grupp tal-Vokazzjonijiet u l-istudenti li din is-sena ser jirċievu s-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof. Jitwasslu ż-żjut imbierka fil-parroċċa.

Bejn 4.00pm u 7.00pm: Servizz ta' Qrar fil-knisja Bażilika.

7.00pm: **Tifkira Solenni tal-Aħħar Ikla tal-Mulej.**

**Konċelebrazzjoni solenni mmexxija minn Mons. Arċipriet Carmelo Refalo flimkien mas-Saċerdoti tal-Parroċċa bir-rit tal-ħasil tar-riġlejn.** Fi tmiem il-Quddiesa, Ġesù Ewkaristija jittieħed f'purċissjoni solenni fil-knisja Bażilika lejn l-Artal tar-Repożizzjoni. Issir il-ġabra annwali għas-saċerdoti. Il-knisja Bażilika tibqa' miftuħa sa tard billejl għall-qima ta' Ġesù Ewkaristija fl-Artal tar-Repożizzjoni.

**Il-ĠIMGĦA 14 ta' April : IL-ĠIMGĦA L-KBIRA**

**Tifkira Solenni tal-Passjoni u l-Mewt tal-Mulej.**

Jum Obbligatorju ta' Sawm u Astinenza

8.00am: Fil-knisja Bażilika, talb tal-Liturġija tas-Sigħat (bil-Malti) mill-Kapitlu Kolleġġjali u l-Kleru tal-Parroċċa bis-sehem tal-poplu.

9.00am: Viżti għat-tfal u l-poplu fil-Bażilika.

3.00pm: **Azzjoni Liturġika. Qari solenni tal-Passjoni tal-Mulej, Adorazzjoni solenni tal-Għuda tas-Salib u Tqarbin Imqaddes.**

6.00pm: Purċissjoni-*Pageant* tal-Ġimgħa l-Kbira bis-sehem tal-W.R.Kapitlu Kolleġġjali u l-Kleru. Imexxi l-purċissjoni Mons. Arċipriet Carmelo Refalo. Tieħu sehem il-Banda *Victory* tax-Xagħra.

## LGĦID IL-KBIR

**IS-SIBT 15 ta' April: SIBT IL-GĦID**

8.00am: Fil-knisja Bażilika, talb tal-Liturġija tas-Sigħat (bil-Malti) mill-Kapitlu Kolleġġali u l-Kleru tal-Parroċċa bis-sehem tal-poplu. F'dan il-jum, il-Knisja tirrakkomanda s-sawm, mhux ta' penitenza, imma ta' stennija għall-isbaħ u l-akbar velja tal-Knisja.

12.00pm: Fl-Oratorju tal-Passjoni, laqgħa ta' spiritwalità għal-letturi kollha li ser ixandru l-Kelma t'Alla waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-Velja tal-Għid.

**8.00pm:** **Is-Sahra tal-Lejl Qaddis tal-Għid il-Kbir. Mixegħla tad-dawl; Tħabbira Solenni tal-Għid; Liturġija tal-Kelma t'Alla; Kant tal-Glorja; Liturġija tal-Magħmudija u Liturġija Ewkaristika. Inħeġġukom biex din iċ-ċelebrazzjoni nagħtuha l-importanza li jixirqilha. Janima l-Kor *Voci Angeliche*.**

**Il-ĦADD 16 ta' April: SOLENNITÀ TAL-QAWMIEN TAL-MULEJ MILL-IMWIET.**
**L-GĦID IL-KBIR.**

8.00am: Talb tat-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum u Talba ta' Nofs il-Jum mill-W.R.Kapitlu Kolleġġjali u l-Kleru tal-Parroċċa bis-sehem tal-poplu.

8.30am: Konċelebrazzjoni Konventwali solenni mmexxija minn Mons. Arċipriet Carmelo Refalo.

11.00am: Quddiesa bis-sehem tal-Kor *Schola Cantorum Jubilate*.

4.15pm: Kant tat-Tieni Għasar tas-Solennità bis-sehem tal-W.R. Kapitlu u Kleru tal-Kolleġġjata.

5.00pm: Quddiesa.

6.00pm: Toħroġ il-purċissjoni bl-istatwa ta' Kristu Rxoxt u jitbierku l-figolli. Tieħu sehem il-Banda *Victory*. It-tfal iġibu l-figolli tagħhom sabiex jitbierku. L-Arċipriet iqassam figolli lit-tfal preżenti.

7.00pm 'L-Innoċenti'dramm fi Pjazza il-Vitorja produzzjoni u direzzjoni ta' Josephine Azzopardi.

---

**L-Arċipriet Mons. Carmelo Refalo flimkien mal-Kapitlu, il-Kleru u l-Kunsill Parrokkjali tax-Xagħra jawguraw Għid Qaddis fil-Mulej.**